Il-Fonestetika ta' Mario Azzopardi

Student:
André Camilleri

Tutur:
Prof. Adrian Grima

1. Daħla

F'dan l-istudju nistħarreġ l-element fonetiku fil-versi alliterattivi ta' Mario Azzopardi u l-istrateġiji li jinqdew bihom. L-għan huwa li nesplora s-sens u l-atmosfera li jinħolqu minn insistenza fuq ħsejjes ripetittivi partikolari f'relazzjoni mat-tifsir. Il-poeżiji ta' Azzopardi sikwit huma kkaratterizzati minn kakofonija, dissonanza jew ħsejjes diżarmonjużi, mekkaniżmi li jiksbu relevanza figurattiva, bħal fil-każ ta' "vjolin iħanxar" ("notturn" minn *Analiżi '70*); "il-psike tiegħi jżarżar bħal terramaxka" ("varjazzjoni fuq l-imħabba", minn *Le Poète*); "melodija mibruxa" u "l-kampnar tal-knisja / jqanpen agunija" ("suite 345" minn *Analiżi '70*); u "bil-vokabularju jfaqqa' / bħal ċuqlajta tal-għadam" ("Il-Manifest tal-Poeżija" minn *Il-Fabbrikant tal-Marjunetti*). L-allużjonijiet figurattivi għall-ħoss f'dawn l-eżempji jirriflettu l-fonestetika ta' diskordanza. Dawn ir-riflessjonijiet iservu bħala punt tat-tluq għal analiżi li se tiffoka fuq ir-relazzjoni bejn il-fonemi b'karatteristiċi partikolari, simili jew kuntrastanti bejniethom. B'dan il-mod, nuri kif il-tqegħid tal-fonemi fi gruppi jista' jaqdi wkoll funzjoni simbolika.

2. Metodoloġija u Teoriji Applikati / Simboliżmu Fonetiku

Il-qasam tal-fonestetika jistħarreġ il-proprjetajiet estetiċi tal-ħoss, speċjalment "is-simboliżmu attribwit lill-ħsejjes individwali" (*Phonaesthetics*). F'dan l-istħarriġ nirreferi għal studji fil-qasam tas-simboliżmu fonetiku, fosthom dawk ta' Roman Jakobson, Benjamin Hrushovski, Reuven Tsur, Linga Waugh u Arash Aryani et al. Skont Roman Jakobson, is-simboliżmu fonetiku jinbena fuq ir-relazzjoni oġġettiva bejn is-sensi tal-ħars u tal-ħoss (87). Fit-test poetiku, din ir-relazzjoni tista' tingħaraf fit-tħaddim semantiku, allużiv, figurattiv u simboliku daqskemm fonetiku tal-kelma. Hrushovski jistqarr li, fir-relazzjoni "kotestwali", l-element semantiku jisseddaq mill-ħsejjes moġħtija fis-sentenza (41). Waugh taqbel ma' Hrushovski li r-rabtiet simboliċi fi ħdan it-test jiġu attwalizzati meta l-ħoss "jixraq" lit-tifsir (Waugh 75). Mill-banda l-oħra, Tsur jinsisti li ladarba s-sinifikat fil-poeżija jintrabat mal-perċezzjoni estetika, il-kwalitajiet sensorji fil-waqfiet fonetiċi jiksbu rwol determinanti (144). Skont Aryani et al., il-karatteristiċi artikolatorji tal-fonemi jipprovdu ħjiel ta' perċettività affettiva li minnha tinbena t-tifsira ġenerali tal-kliem (1). Dawn se jkunu l-prinċipji ewlenin li fuqhom se jimxi dan l-istudju.

3.1 Il-Fonemi

Fil-poeżija, b'mod ġenerali, il-fonemi konsonantali jitqiesu kakofoniċi filwaqt li dawk vokaliċi jitqiesu ewfoniċi. Madankollu, dak li hu kakofoniku mhux neċessarjament jitqies bħala nuqqas ta' mużikalità. Il-mużika mhijiex marbuta mal-ġmiel tal-ħoss iżda mal-organizzazzjoni tiegħu (Frye xiii). B'dan ir-raġunament, il-mużikalità tista' tkun preżenti anki f'dak li ma jdoqqx għall-widna jew jinħass skomdu għaliha. F'dan il-każ, il-kakofonija ssir għażla stilistika tal-poeta, teknika użata biex iddaħħal lill-qarrejja f'atmosfera skomda. Għalhekk, minnha nnifisha d-diżarmonija fonetika tibda tidwi t-tensjoni, l-ostilità u l-vjolenza li tikkaratterizza l-versi ta' Azzopardi. B'dan il-mod, il-ħsejjes fil-fonemi jsiru għodod li jitħaddmu għall-potenzjal espressiv u konnotattiv kollu tagħhom.

3.2 Il-Fonemi Konsonantali Ostruwenti jew Waqfiet: /p/ /b/, /t/, /k/ u l-Frikattiva /f/

Il-fonemi /p/, /b/, /t/ u /k/ huma kollha plożivi. Dan ifisser li inizjalment jitolbu għeluq sħiħ tal-arja, imbagħad ftuħ komplet jew splużjoni. Fih innifsu, dan l-aspett artikolatorju joħloq sens ta' tensjoni għaliex l-ewwel

jimmarka ż-żamma, imbagħad l-isplużjoni tal-arja. Fl-istħarriġ tiegħu ta' poeżiji f'lingwi bħall-Ungeriż, il-Ġermaniż u l-Franċiż, Ivan Fónagy josserva li l-ħsejjes tal-fonemi plożivi /p/, /t/ u /k/ jokkorru f'kompożizzjonijiet li sikwit huma kkaratterizzati bi kwalitajiet aggressivi jew ħorox (49). Din it-tendenza stilistika faċilment narawha f'Azzopardi, bħal fl-ewwel versi ta' "Il-Manifest tal-Poeżija" fejn il-fonemi /p/, /t/, u /k/ jintużaw flimkien mal-fonema frikattiva /f/:

> Kelma trid li tikber fil-menti
>
> **b**ħal ċa**pp**a **t**amal niexe**f**
>
> jew
>
> **tb**ejje**t** f'ħalq ti**f**la b'xo**ff**a ta' **f**ene**k**

It-tieni vers jibda bil-ħoss tal-fonema plożiva mniffsa /p/ (minħabba li l-/b/ tgħaddi minn assimilazzjoni rigressiva) u jikkonsolida ruħu fil-kelma "ċappa" qabel ma tiġi introdotta s-sekwenza t-f. L-arranġament fonetiku ta' dan il-vers jintensifika bl-alliterazzjonijiet akkumulattivi tar-raba' wieħed, li fih jinġemgħu l-ħsejjes daqskemm ix-xbihat. Dan il-kumpless ta' ħsejjes u xbihat jakkumulaw jattwalizza x-xbieha bikrija tal-kliem bħala tagħbija skomda ("ċappa tamal niexef") fuq il-moħħ. Il-metafora awtoriflessiva tal-bidu, għalhekk, tinħall f'sekwenza akustika li fl-istess waqt għandha l-figurazzjonijiet imantnuha.

Kemm il-fonema plożiva /t/ kif ukoll il-frikattiva /f/ huma meqjusin bħala *fortis consonants*, jiġifieri konsonanti li jitolbu iżjed sforz u tensjoni biex jitlissnu għaliex huma artikolati b'iżjed pressjoni orali u b'aktar sforz fil-muskoli (Aryani et al. 2). Dan l-aspett fiżjoloġiku tal-fonema /t/ jaċċentwa l-aggressività li tixref fil-vers "tbejjet f'ħalq tifla b'xoffa ta' fenek." F'dan il-vers, ix-xbieha tax-"xoffa ta' fenek" tfakkar fid-deformazzjoni konġenitali tax-xoffa ta' fuq, fl-Ingliż magħrufa bħala *harelip*, espressjoni li tikseb l-ekwivalenza vernakulari tagħha bil-frażi "xufftejn il-liebru" ("Liebru"). Fil-poeżija, it-terminu oriġinali fil-frażi jinbidel għal ieħor iktar ġeneriku: "fenek." Din l-għażla lessikali tippreserva s-sekwenza konsonantali t-t-f-t-f-f-f fil-vers, arranġament fonetiku li jitlob tidjiq bi frizzjoni qabel ma fl-aħħar jintemm bil-waqfa plożiva /k/.

3.3 Il-Fonemi Konsonantali Frikattivi u Kontinwi /s/ u /z/

Iż-żewġ fonemi frikattivi /s/ u /z/ jitlissnu b'tidjiq bi frizzjoni: l-arja taħbat mas-snien u toħroġ imħaxkna bejn l-artikolaturi. Fil-poeżija "Jien Xatt Mingħajr Ankra", dan it-tħaxkin tal-arja bejn is-snien jantiċipa t-tidjiq fiżiku bejn il-maħbubin, qrubija intensifikata b'ħerqa ostili li tiddeumanizza lill-kelliem fl-azzjonijiet tiegħu:

fil-qa**s**ma ta**ż**-**ż**mien

in**ż**ilt fuq **s**idrek bħal **s**eqer

inċarrat flok in**s**off

imħabbtek.

Il-fonema /z/ li tipproduċi d-damdim fil-versi ". . . taż-żmien / inżilt" tinbidel f'/s/ fil-versi "fuq sidrek bħal seqer / inċarrat flok insoff." B'hekk, it-tleħħin inizjali jinbidel għal ġo tniffis, artikulazzjoni iżjed ratba tal-ittri li, xorta waħda, iżżomm għaddejjin fiha xbihat ta' vjolenza passjonali.

Il-fonemi frikattivi huma konsonanti kontinwi għaliex l-arja tista' tibqa' ħierġa sakemm jagħti n-nifs. Dan is-sens ta' kontinwità ġġenerat bit-tlissin tal-fonema /f/, fil-poeżija jissaħħaħ bl-imperfett, li jżomm l-azzjoni tal-verb "insoff" għaddejja. Bejniethom, il-komponent fonetiku u l-aspett morfoloġiku tal-verb jenfasizzaw l-att dewwiemi tal-imħabba li, ironikament, jilħaq tmiemu fil-vers "imħabbtek." Hawnhekk, il-fonemi /b/, /t/, u /k/, bħala waqfiet plożivi, jieħdu post dawk frikattivi kontinwi /z/, /s/, u /f/. Din it-tranżizzjoni fonemika f'għeluq l-istrofa timmarka l-mument klimatiku li fih, b'vers li jinterrompi l-azzjonijiet oppressivi tal-kelliem, tiġi reċiprokata l-imħabba tal-persuna l-oħra.

It-tħaddim alliterattiv tal-fonema /z/ jispikka aktar fil-poeżija "Marie del Mar." It-tlissin tal-fonema alveolari frikattiva mleħħna /z/ jinvolvi żarżir fuq livell akustiku u sforz artikolatorju biex it-tarf jew il-parti ta' quddiem tal-ilsien taħbat mal-alveolu u tkun tista' titlissen "ħarxa, b'damdima, bi snien magħluqa u mheżża" ("Ż"). Kif juru l-ewwel żewġ versi ta' dan it-test, l-insistenza fuq il-fonema /z/ tinħass kemm fi "bżieżaq" u "roża" kif ukoll f'"isdra" minħabba li l-fonema /s/ tgħaddi minn assimilazzjoni rigressiva u ssir imleħħna:

Is-saqaf itir u jsir sħaba tax-xita u bżieżaq roża jsiru isdra rżina u

l-istilel iż-żokriet ta' żeffiena

'nkejjużi hekk fil-bogħod l-ilbit tad-dbieb magħruba bil-pjumi

sewdiena

Il-ħoss ripetut ta' din il-fonema f'dawn il-versi jamplifika, għalhekk, is-sens ta' kommozzjoni fiżika (akustika daqskemm viżiva). Il-burdata ewfonika tal-mixja awditorja f'dawn il-versi, b'hekk, tiżvolġi f'atmosfera kakofonika. Il-qbil fil-ħoss bejn "żeffiena" u "sewdiena", madanakollu, jerġa' jixħet l-attenzjoni fuq ir-rima vokalika u iżjed melodjuża tal-vers. Kif juru dawn il-versi mill-poeżija "fuq l-irdum tal-madliena", Azzopardi kien diġà qed juża l-fonema alveolari frikattiva /z/ b'mod strateġiku fl-ewwel ġabra tiegħu, *Demgħat tas-Silġ* (1976):

u kien hemm l-urieżaq maħnuqa leħenhom ma q'għadx

u l-bebbux irżin italla' l-bżieq

kristall tar-risq ħażin

u ż-żunżan inaqqi x-xewk tal-ward ta' kristu

Dawn il-versi jħaddnu fihom serje ta' fonemi konsonantali f'sekwenzi ż-q, ż-q, ż-q, li flimkien joħolqu effett kakofoniku minħabba ż-żarżir fil-ħoss taż-/z/ u t-twaqqif tal-konsonanti glottali ta'warajh u taħbat miegħu /ʔ/. Il-konsonanti "r" u "ż" fil-kelma "urieżaq" jerġgħu jinstemgħu f'"irżin", fejn id-diffikultà artikolatorja fit-tleħħin tal-waqfa glottali /ʔ/ tikkorrispondi għall-kontenut semantiku tal-vers "maħnuqa leħenhom ma q'għadx" li jkompli jqawwi s-sens ta' xkiel fit-taħdit. Din l-analiżi turi kif il-versi jinqdew bi proprjetajiet fonetiċi biex jittrażmettu s-semantika tax-xbieha distorta li qegħdin jikkomunikaw. Il-ħruxija fonemika tal-konsonanti tikkorrispondi ma' dik viżiva tax-xbihat imfissra fl-aħħar vers bil-vjolenza tal-insetti ("jnaqqu") kif ukoll bl-ebusija u t-tingiż bix-xewk. Għaldaqstant, l-element fonetiku jsir analogu għas-semantika lessikali.

3.4 Il-Fonema Konsonantali /m/

Il-fonema konsonantali bilabjali nażali /m/ titlissen billi tingħalaq l-arja bejn l-artikolaturi, karatteristika li tagħmel l-artikulazzjoni diffiċli sal-punt li teħtieġ il-vokali epentetika (tal-leħen) "i" biex titlissen. Fit-tlissin ta' din il-fonema, l-artikolaturi jżommu l-arja milli toħroġ. B'hekk, il-velum jitbaxxa

u l-ħoss iseħħ b'reżonanza fil-kavità nażali. Xi lingwisti jqisu l-fonema /m/ bħala konsonanti nażali ostruwenti għax l-arja titwaqqaf kompletament mill-ħalq, filwaqt li oħrajn iqisuha konsonanti kontinwa għax l-arja toħroġ mill-imnieħer (Bickford u Floyd 43). Dawn l-aspetti fiżjoloġiċi fl-artikolazzjoni jixhdu l-ambivalenza ta' din il-fonema: konsonanti li diffiċli titlissen mill-ħalq iżda li titlissen b'reżonanza mill-imnieħer.

Il-ħoss tal-fonema labjodentali nażali /m/ fil-poeżija "Marie del Mar" joħloq relazzjoni alliterattiva bejn il-kelmiet "imċaqqmin", "imfarrdin", "bhima", u "tmiemha":

> f'telqa twila
>
> bħal kavilji f'ġismi li bjad u li ċeda
>
> għall-**m**andat tas-snin twal i**m**ċaqq**m**in u **m**farrdin bħax-xedaq ta'
>
> bhi**m**a fi t**m**ie**m**ha

It-tħaddim tal-partiċipju passiv f'"imċaqqmin" u "mfarrdin" jissarraf f'mudell morfoloġiku li għandu xejriet fonoloġiċi komuni: il-/m/ fil-bidu, l-irduppjar tal-konsonanti fin-nofs, it-tqassim tas-sillabi u r-rima interna fil-vokali /ɐ/ u l-vokali /iː/. L-irbit bejn iż-żewġ kelmiet jissaħħaħ bis-semantika mutwa ta' bejniethom: id-diġenerazzjoni fiżika, sens li jelabora d-dgħufija tal-ġisem mill-vers preċedenti. L-insistenza alliterattiva fuq il-fonema /m/ tiġġenera s-sens ta' ħsara, dgħufija, ċediment, u nuqqas ta' abilità fit-tlissin, imsaħħin saħansitra mix-xbieha tal-bhima riesqa lejn il-mewt, li wkoll hija kkaratterizzata minn rima interna u parzjali. Waqt li tikkonferma l-istat ta' degradazzjoni fil-kelliem, din ir-relazzjoni semantika u prosodika bejn il-kliem titwassal b'ton kiebi u lajman.

Ir-rabta simbolika bejn ħoss u tifsir f'dawn il-versi tiġi rrealizzata mill-kuntest usa', mill-qafas referenzjali, jew, fi kliem Hrushovski, mir-"relazzjoni kotestwali" tax-xogħol poetiku sħiħ (48). Fis-sens li jargumenta dwaru t-teorista letterarju, il-fonema /m/ issir pedament lingwistiku (fonetiku) daqskemm poetiku (alliterattiv) li fuqu jinbnew komponenti oħra tal-lingwa sfruttati minn Azzopardi għall-użu artistiku tagħhom. Fil-poeżija "Marie del Mar" il-karatteristiċi akustiċi tal-fonema /m/ u l-forma prosodika tal-partiċipju passiv jidħlu f'rabta analoga max-xbieha. Il-fonema bilabjali nażali /m/ titħaddem bi strateġiji simili fil-poeżija "ulied il-lejl dat-tfal bla lampi" minn *Demgħat tas-Silġ*:

f'subborg **m**għajjeb b'ruħ konkrit

wara l-bibien i**m**barrati

nisa bl-i**m**natar i**m**raqqgħa xeddu wċuħ il-bajtar

ġanntu kantaliena talb skurdat

b'xufftejhom **m**aqrusin b'nemus jitbisse**m**

ġufhom inxtorob laringa **m**qadda

Il-partiċipju passiv f'dawn il-versi ("imbarrat", "imraqqgħa", "maqrusin" u "mqadda") iqawwi r-relazzjoni fonetika u t-tensjoni ritmika bejn il-kliem maħluqa bil-konsonanti /m/. Bħala kategorija grammatikali, il-partiċipju passiv jirreferi għall-esperjenza ta' persuna jew oġġett li l-azzjoni titwettaq fuqu.

L-inflessjoni ta' din il-kategorija grammatikali jidher li tnebbaħ lill-qarrejja bis-suġġestjonijiet ta' dawn il-versi prosodiċi: il-vittimizzazzjoni jew il-passività tas-suġġett jew l-oġġett. Kull wieħed minn dawn il-partiċipji jservi ta' predikat għall-oġġett attribwit lill-istess ħoss tal-fonema /m/: "bibien imbarrati", "imnatar imraqqgħa", "xufftejhom maqrusin" u "ġufhom ... mqadda." Dan l-irbit sintattiku daqskemm fonetiku jikkonferma, għalhekk, ir-reċiproċità semantika bejn in-nom li jsofri l-azzjoni u l-azzjoni sofferta. F'rabta ma' versi oħra, din it-tensjoni fi ħdan il-partiċipju passiv tikkorrispondi mal-atmosfera skomda u inċerta maħluqa kemm bl-allużjonijiet għall-kakofonija ("kantaliena talb skurdat") kif ukoll bis-surrealiżmu fil-poeżija ("nemus jitbissem"). Barra minn hekk, it-tleħħin tal-fonema nażali /m/, u l-konsonanti plożiva /b/, il-glottali /ʔ/ u l-vibranti /r/ f'"imbarrati", "imnatar", "imraqqgħa" u "mqadda" jxekkel l-artikolazzjoni jew jagħmilha iżjed diffiċli. L-insistenza hawnhekk mhijiex fuq fonema individwali. L-enfasi fonetika tiġi estiża għal skemi prosodiċi oħra, bħalma hu l-ħbit skomdu bejn konsonanti mleħħnin li flimkien jikkonfermaw ir-rabta sofistikata bejn il-ħoss u t-tifsir fil-poeżija ta' Azzopardi.

5. Għeluq

Il-kontribut simboliku tal-ħoss f'Azzopardi nistgħu napprezzawh fl-artikolazzjoni, fil-karatteristiċi akustiċi u fir-rabtiet semantiċi li jinħolqu bejn il-kliem. B'mod partikolari, is-simboliżmu fil-ħsejjes jingħaraf kemm bl-attenzjoni mogħtija lil fonema individwali kif ukoll fl-għaqda akustika daqskemm artikulatorja tagħha ma' fonemi oħra. Xi inflessjonijiet u aspetti grammatikali b'karatteristiċi prosodiċi (bħal fl-eżempji tal-partiċipju passiv)

ukoll jikkontribwixxu għat-tiswir tematiku tal-poeżija. Fuq kollox, din ir-relazzjoni simbolika bejn ħoss u tifsir fix-xogħlijiet ta' dan il-poeta tissawwar mir-reċiproċità li huwa jagħraf bejniethom: iż-żewġ elementi qatt mhuma binarji iżda jintrabtu flimkien u jiġġeneraw lil xulxin. Huwa għalhekk li f'Azzopardi l-ħsejjes tal-fonemi jsiru għodod emblematiċi u estetiċi tal-lingwaġġ poetiku.

Biblijografija

Aryani, Arash, et al. "Why 'piss' Is Ruder than 'pee'? The Role of Sound in Affective Meaning Making." *Plos One*, vol. 13, nru 6, Ġunju 2018. https://journals.plos.org/plosone/article?id=10.1371/journal.pone.0198430.

Azzopardi, Mario. *Demgħat tas-Silġ: Poeżiji 1971-76*. Lux Press, 1976.

---. *Il-Fabbrikant tal-Marjunetti. Poeżiji u Poesaġġi 2005-2012*. Horizons, 2012.

---. *Le Poète, Mario Azzopardi*. Editjat minn Tarcisio Zarb u Andrew Sciberras, Horizons, 2017.

---. *Noti Mis-Sanatorju Tal-Mistiċi: Poeżiji 1984-1994*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1995.

Azzopardi, Mario et al. *Analiżi '70*. Union Press, 1970.

Bickford, Anita C u Rick Floyd. *Articulatory Phonetics: Tools for Analyzing the World's Languages*. Ir-4 ed., SIL International, 2006.

Fónagy, Iván. "Communication in Poetry." *Word*, vol. 17, nru 2, 1961, pp. 194–218. https://doi.org/10.1080/00437956.1961.11659754

Frye, Northorp. "Lexis and Melos." *Sound and Poetry: English Institute Essays 1956*. Editjat minn Northrop Frye, Columbia UP, 1957. pp. IX-XXVII.

Hrushovski, Benjamin. "The Meaning of Sound Patterns in Poetry: An Interaction Theory." *Poetics Today*, vol. 2, nru 1a, 1980, pp. 39– 56. *JSTOR*, https://doi.org/10.2307/1772351.

Jakobson, Roman. "Linguistics and Poetics." *Language in Literature*. Editjat minn Krystyna Pomorska u Stephen Rudy, Harvard UP, 1987. pp.62-94.

"Liebru." *Il-Miklem Malti*, it-2 ed., vol. 5, Klabb Kotba Maltin, 1989.

"Phonaesthetics." *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*, is-6 ed., Blackwell, Publishing, 2008.

Tsur, Reuven. *What Makes Sound Patterns Expressive.* Duke UP, 1992.

Waugh, Linda R. "Against Arbitrariness: Imitation and Motivation Revived, with Consequences for Textual Meaning." *Diacritics*, vol. 23, nru 2, 1993, pp. 71–87. *JSTOR*, https://doi.org/10.2307/465317.

"Ż." *Il-Miklem Malti*, it-2 ed., vol. 9, Klabb Kotba Maltin, 1989.